**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2025**

Talba Numru: 3/2025CC

**Carmel Francis Mifsud [KI 0323290 (M)]**

**Vs**

**Kevin Zammit (KI 0305169 (M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-5 ta' Jannar 2025, fejn l-attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat jħallsu s-somma ta' elf, ħames mija u disa' u tmenin ewro u sittin il-ċenteżmi (€1,589.60c) rappreżentanti xogħlijiet u provvisti fornuti mill-attur lil konvenut.

L-Attut talab ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proċeduri inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 2479/2024 u l-imgħax legali fuq l-imsemmi ammont  sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-Konvenut ma preżentax risposta għat-talba odjerna.

Ra li fl-ewwel seduta u cjoe fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2025, Dr David Bonello ghall-konvenut iddikjara illi l-istess konvenut jammetti illi huwa debitur tal-attur fis-somma ta' elf, ħames mija u disa' u tmenin ewro u sittin il-ċenteżmi (€1,589.60c) u ghalhekk qieghed jammetti t-talba.

Ra illi fid-dawl ta' din l-ammissjoni l-partijiet iddikjaraw illi l-partijiet m'ghandhomx aktar provi x'jipprezentaw u qeghdin jistriehu fuq l-atti. Iddikjaraw ukoll il-provi taghhom bhala maghluqa.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ha konjizzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

It-Tribunal ikkunsidra l-ammissjoni tal-konvenut għat-talbiet kollha mressqin fil-konfront tiegħu mill-attur.

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-każ billi jilqa' t-talba ta' l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ta' elf, ħames mija u disa' u tmenin ewro u sittin il-ċenteżmi (€1,589.60c), bl-imghax legali dekorribbli mil-1 ta' Ġunju, 2023 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjez ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2479/2024 jithallsu kollha mill-konvenut.

**Avv Dr Christopher Chircop**

**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**

**Deputat Reġistratur**